



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2013/0157(COD)

9.1.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza
finanzjarja tal-portijiet
(COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Philippe De Backer

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni

Bil-proposta għal Regolament, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi qafas ċar għall-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji; u ddaħħal regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja u n-nollijiet li għandhom jiġu applikati minn korpi maniġerjali jew fornituri ta' servizzi portwarji.

Il-punti ewlenin tal-proposta:

- Il-libertà ta' forniment tas-servizzi se tapplika għas-servizzi portwarji.
- Servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija u terminals tal-passiġġieri huma eżentati mill-ambitu tar-Regolament.
- Il-korp maniġerjali ta' impriża jista' jillimita n-numru ta' fornituri tas-servizzi, minħabba limitazzjonijiet ta' spazju fil-port jew fil-każ li jkun hemm l-obbligu ta' servizz pubbliku.
- L-introduzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku għal xi tipi ta' servizzi portwarji għadha possibbli.
- Id-drittijiet tal-impjegati għandhom ikunu mħarsa u l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jsaħħu aktar dawn id-drittijiet.
- L-introduzzjoni ta' aktar trasparenza għandha tgħin biex jiġu identifikati użu ħażin ta' fondi pubbliċi jew għajjnuna illegali mill-istat.
- Kull port għandu joħloq kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port.
- Jiġi introdott obbligu għall-korp maniġerjali tal-port biex jikkonsulta lill-partijiet interessati.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżistenza ta' korp ta' sorveljanza indipendenti.

Parti mit-test tal-EMPL

Il-Portijiet tal-UE jimpjegaw aktar minn 3 miljun ruħ (direttament u indirettament). It-tkabbir tal-produzzjoni portwarja huwa direttament marbut mal-ħolqien ta' impjiegi fir-reġjuni tal-madwar.

Fil-proposta tal-Kummissjoni, il-partijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarjiet Soċjali (EMPL) huma pjuttost limitati. Hemm f'it premissi dwar id-drittijiet soċjali u f'it referenzi fl-artikoli, li fosthom l-Artikolu 10 huwa l-aktar wieħed interessanti għall-EMPL.

Pożizzjoni tar-rapporteur għal opinjoni

Ir-rapporteur għal opinjoni jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni. Is-saga tal-pakkeġġ dwar il-portijiet issa ilha għaddejja għal 25 sena, minħabba ż-żewġ ċaħdiet mill-Parlament Ewropew fl-2001 u l-2004. Il-Komunikazzjoni tal-2007 dwar il-politika Ewropea tal-portijiet kienet soluzzjoni temporanja biex tindirizza xi kwistjonijiet pendenti dwar l-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja permezz ta' strumenti orizzontali u miżuri mhux vinkolanti. Madankollu, hemm il-ħtieġa ta' leġislazzjoni Ewropea, għax il-miżuri mhux vinkolanti kellhom impatt minimu jew ma kellhom l-ebda impatt u għax il-Qorti tal-Ġustizzja għiet ikkonsultata b'mod regolari. Ir-rapporteur għal opinjoni jemmen li leġislazzjoni hija meħtieġa biex tinstab soluzzjoni għall-inċertezza ġuridika li tostakola t-tkabbir tal-portijiet tagħna.

Hemm bżonn li nsibu bilanċ bejn il-protezzjoni soċjali, is-sopravivenza ekonomika tal-fornituri tas-servizzi u l-kompetittività tal-portijiet. Barra minn dan, irridu nqisu d-dimensjoni internazzjonali tat-tbaħħir. Ir-rapporteur għal opinjoni jagħraf id-diffikultajiet, u jaħseb li l-proposta tal-Kummissjoni tista' tkun pass fid-direzzjoni t-tajba. Peress li r-rapporteur għal opinjoni huwa favur l-approċċ tal-Kummissjoni, huwa jżomm l-opinjoni tiegħu pjuttost limitata.

Libertà tas-servizzi

Ir-rapporteur għal opinjoni jinsab sodisfatt bil-proposta tal-Kummissjoni biex tintroduċi l-libertà tas-servizzi għas-servizzi portwarji ftest ġuridiku. Is-settur tas-servizzi portwarji huwa wieħed mill-ftit setturi fl-ekonomija tal-UE fejn għadhom jeżistu l-monopolji u d-drittijiet esklużivi. L-esperjenza f'setturi oħrajn uriet li l-ftuħ tas-suq verament jaħdem; johlq l-effiċjenza għax il-fornituri tas-servizzi huma obbligati joperaw aħjar biex jibqgħu fis-suq. Il-ftuħ tas-swieq mhuwiex sinonimu ma' ġirja lejn l-iktar livell baxx; bil-maqlub, itejjeb l-effiċjenza u jippermetti servizzi aħjar għall-konsumaturi u l-utenti finali. Ir-rapporteur għal opinjoni mhux qed jipproponi bidliet fl-artikolu peress li jappoġġja t-test tal-Kummissjoni.

Is-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema

Ir-rapporteur għal opinjoni jirrikonoxxi l-perikolu li jistgħu jiffaċċjaw il-ħaddiema waqt il-ħidma tagħhom fiż-żona tal-port. Skont ir-rapporteur għal opinjoni huwa verament importanti li tkun żgurata s-sigurtà tal-ħaddiema fil-portijiet.

Il-proposta tal-Kummissjoni ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Il-liġi nazzjonali tibqa' fis-seħħ. Fir-rigward tat-trasferiment tal-persunal, ir-rapporteur għal opinjoni huwa favur l-idea li t-trasferiment tal-persunal jibqa' jsir b'mod volontarju u li tiġi rispettata d-Direttiva 2001/23/KE.

Il-ħaddiema tal-portijiet

Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tressaqx leġiżlazzjoni dwar ir-reġimi tal-ħaddiema tal-portijiet fil-proposta tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni se tiffaċilita l-Kumitat ta' Djalogu Soċjali settorjali għall-portijiet fil-livell tal-Unjoni bil-forniment ta' appoġġ tekniku u amministrattiv. In-negozjati fi ħdan il-Kumitat diġà bdew. Ir-rapporteur għal opinjoni jirrispetta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni u huwa tal-fehma li s-sħab soċjali għandu jkollhom opportunità biex joħorġu b'soluzzjoni dwar il-kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema tal-portijiet. In-negozjati għandhom isiru f'atmosfera miftuħa u libera. Il-Kummissjoni qed tipprevedi rieżami fl-2016 li jevalwa l-funzjonament u l-progress tad-Djalogu Soċjali Ewropew għas-settur tal-portijiet. Ir-rapporteur għal opinjoni jaħseb li jekk ma jkunx intlaħaq ftehim sal-2016 il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk proposta leġiżlattiva dwar dan is-suġġett tkunx xierqa u, jekk ikun il-każ, għandha ssir proposta. Huwa importanti li jiġi nnutat li d-Djalogu Soċjali fil-livell tal-Unjoni jissupplimenta bla ma jissostitwixxi d-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali, lokali u korporattiv.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-għan tal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa li jelimina r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' forniment tas-servizzi fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 58 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea **dak** l-għan għandu jinkiseb fi ħdan il-qafas tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu relatat mat-trasport, b'mod aktar speċifiku l-Artikolu 100 (2).

Emenda

(5) L-għan tal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa li jelimina r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' forniment tas-servizzi fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 58 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, **dan** l-għan għandu jinkiseb fi ħdan il-qafas tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu relatat mat-trasport, b'mod aktar speċifiku l-Artikolu 100 (2).

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) L-istabbiliment tal-libertà ta' forniment tas-servizzi fil-portijiet itejjeb iċ-ċertezza ġuridika u għalhekk itejjeb ukoll l-effiċjenza u l-ħidma tal-portijiet u joħloq benefiċċji għall-portijiet, l-utenti tagħhom u l-Istati Membri. Iċ-ċertezza ġuridika għall-portijiet tinfluwenza wkoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema b'mod pożittiv.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' servizzi portwarji biex jinħatar personal

(6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' servizzi portwarji biex jinħatar personal

tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforiment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex jiġu evitati impatti negattivi possibbli f'dawn l-oqsma. Għalhekk, ***jidher li hu xieraq li f'dan l-istadju*** din il-kwistjoni ***ma*** tiġi regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u titħalla f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-awtoforiment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura ***u*** favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu ***limitati għal*** sett ***definit b'mod ċar*** ta' kundizzjonijiet ***fuq*** il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż ***f'termini ta' taħriġ, u fuq it-tagħmir meħtieġ diment li jkun*** trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju.

tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforiment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex jiġu evitati impatti negattivi possibbli f'dawn l-oqsma. Għalhekk ***mhuwiex xieraq*** li din il-kwistjoni tiġi regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u ***għandha*** titħalla f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-awtoforiment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni.

Emenda

(7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura, favur l-ambjent ***u s-soċjetà***, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu sett ta' kundizzjonijiet ***dwar*** il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż ***għarfien lokali relevanti essenzjali għal operazzjonijiet sikuri, it-tagħmir meħtieġ sabiex ikun provdut servizz portwarju relevanti u konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza marittima, inkluża l-applikazzjoni ta' liġijiet u ftehimiet li jiproteġu s-saħħa u s-sikurezza u fir-rispett tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu***

jiġu proposti biss jekk dawn ikunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u rilevanti għall-forniment tas-servizz portwarju.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Kull fornitur tas-servizz u speċjalment klijenti ġodda tas-suq għandhom juru l-abbiltà tagħhom li jservu ammont minimu ta' bastimenti bil-persunal u t-tagħmir tagħhom stess. Kullħadd għandu jkun komformi mad-dispożizzjonijiet u r-regoli rilevanti inklużi liġijiet tax-xogħol applikabbli, ftehimiet kollettivi applikabbli u rekwiżiti ta' kwalità tal-portijiet.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Ir-rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jwassal għal limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju jista' jkun iġġustifikat biss għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti.

(14) Ir-rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jwassal għal limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju jista' jkun iġġustifikat biss għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti, ***u operazzjonijiet portwarji tas-sikurezza u tas-sigurtà.***

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) L-Istati Membri **għandu jkollhom is-setgħa** li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal **tal-impriża** li **tipprovi** servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju jista' jinkludi bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, **għandu jkun possibbli li** l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul **biex** japplika **d-disposizzjonijiet** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji¹¹.

¹¹ ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

Emenda

(19) L-Istati Membri **għandhom iżommu s-setgħa sħiħa** li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal **tal-impriżi** li **jipprovdu** servizzi portwarji **f'awtonomija sħiħa u f'konformità mas-sussidjarjetà**. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol **attwali jew futuri** tal-Istati Membri, **peress li din se tiġi diskussa fuq livell tal-UE fil-Kumitat ta' Djalogu Soċjali għall-partijiet fir-rispett sħiħ tal-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-ġurisprudenza eżistenti mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja**. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju jista' jinkludi bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, l-awtoritajiet kompetenti **jistgħu** jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul japplika **d-dispożizzjonijiet** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet, **it-termini u l-kundizzjonijiet** tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji¹¹.

¹¹ ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Il-politika tal-kummerċ tal-Unjoni għandha tgħin biex jonqos il-faqar madwar id-dinja, billi tippromwovi t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u tad-drittijiet fundamentali. Il-kuntratti pubbliċi ma għandhomx jingħataw lil operaturi ekonomiċi li jkunu pparteċipaw f'organizzazzjoni kriminali, fit-traffikar tal-bnedmin jew fit-tħaddim tat-tfal.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Il-Kummissjoni għandha tiċċara n-nozzjoni tal-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-finanzjament tal-infrastruttura tal-portijiet, billi titqies in-natura nonkummerċjali tal-aċċess pubbliku u l-infrastruttura tad-difiża. Dan jinkludi l-infrastruttura għall-konnessjonijiet ta' aċċess fuq l-art permezz tal-ferroviji u t-toroq għas-sistema tat-trasport nazzjonali, l-infrastruttura neċessarja għall-utilitajiet fiż-żona tal-port, u l-infrastruttura kollha li tippermetti l-aċċess għal żona tal-port, inkluż l-aċċess marittimu, il-kanali navigabbli u x-xogħlijiet tad-difiża. Dawn it-tipi ta' infrastruttura għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha b'termini ugwali u nondiskriminatorji u għandhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ġenerali tal-popolazzjoni.

Emenda 10

Proposta għal regolament Recital 31 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31a) Ir-relazzjonijiet tal-ħaddiema tal-portijiet għandhom influwenza qawwija fuq il-funzjonament tal-portijiet. Għalhekk il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali settorjali għall-portijiet jagħti lis-sħab soċjali qafas biex jistabbilixxu riżultati fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħas-saħħa u s-sigurtà, it-taħriġ u l-kwalifiki, il-politika tal-Unjoni dwar karburanti b'kontenut baxx ta' kubrit, titjib tad-diversità billi tiżdied l-attraenza tas-settur għal gruppi sottorappreżentati bħall-ħaddiema żgħażaġh u l-ħaddiema nisa. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita n-negozjati u tissorveljahom mill-qrib. Jekk ma jintlaħaqx ftehim ċar sal-2016, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk huwiex xieraq li tressaq proposta leġiżlattiva.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) tħammil;

imħassar

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) irmiġġ;

imħassar

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) pilotaġġ u;

imħassar

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) rmonk.

imħassar

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. "bunkering" tfisser il-forniment ta' fjuwil solidu, likwidu jew gassuż jew xi sors tal-enerġija ieħor użat għall-propulsjoni tal-bastiment tat-trasport fuq l-ilma kif ukoll għal forniment ġenerali jew speċifiku ta' enerġija abbord il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma ***filwaqt li jkun irmiġġat***;

1. "bunkering" tfisser il-forniment ta' fjuwil solidu, likwidu jew gassuż jew xi sors tal-enerġija ieħor użat għall-propulsjoni tal-bastiment tat-trasport fuq l-ilma kif ukoll għal forniment ġenerali jew speċifiku ta' enerġija abbord il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma;

Ġustifikazzjoni

Il-bunkering jista' jsir fil-baħar miftuħ u mhux biss fl-irmiġġ.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jgħorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew transitu ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal rilevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, iżda esklużi l-ħżin fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata;

Emenda

2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jgħorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew transitu ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, ***l-irbit, it-taħlil***, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal rilevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, iżda esklużi l-ħżin fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata;

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

14. "obbligu ta' servizz pubbliku" tfisser ***rekwiżit definit jew determinat sabiex jiġi żgurat il-forniment*** ta' dawk is-servizzi portwarji fl-interess ġenerali li operatur, kieku kellu jikkunsidra l-interessi kummerċjali tiegħu stess, ma jipprovdi jew ma jipprovdihomx bl-istess mod jew bl-istess kundizzjonijiet;

Emenda

14. "obbligu ta' servizz pubbliku" tfisser ***obbligu intiż biex jiżgura l-forniment*** ta' dawk is-servizzi portwarji fl-interess ġenerali li operatur, kieku kellu jikkunsidra l-interessi kummerċjali tiegħu stess, ma jipprovdi jew ma jipprovdihomx bl-istess mod jew bl-istess kundizzjonijiet;

Ġustifikazzjoni

Riutilizzazzjoni tad-definizzjoni mogħtija fir-Regolament Nru 1191/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq jew u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-korp maniġerjali tal-port **jista'** jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti.

Emenda

1. Il-korp maniġerjali tal-port **għandu** jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fejn dawn ikunu applikabbli, ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati **biss**:

Emenda

2. Fejn dawn ikunu applikabbli, ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati:

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) mal-kwalifiki professjonali tal-fornitur tas-servizz **portwarji**, il-persunal tiegħu jew il-persuni fiżiċi li effettivament **u kontinwament** ikunu qegħdin jimmaniġġjaw l-attivitajiet tal-fornitur tas-servizz portwarju;

Emenda

(a) mal-kwalifiki professjonali tal-fornitur tas-servizz **portwarju**, il-persunal tiegħu jew il-persuni fiżiċi li effettivament ikunu qegħdin jimmaniġġjaw l-attivitajiet tal-fornitur tas-servizz portwarju;

Ġustifikazzjoni

Jista' jkun riskjuż li jintalab biss li daww il-persuni jkunu kwalifikati li "kontinwament" jimmaniġġjaw l-attivitajiet. Għal raġunijiet ta' sikurezza kull min qed jimmaniġġja l-attivitajiet jeħtieġ ikun kwalifikat professjonalment.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u l-persuni tiegħu;

Emenda

(c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir, ***il-ħaddiema*** u l-persuni tiegħu, ***inklużi d-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li japplikaw għall-port ikkonċernat***;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) rispetta lejn il-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu trasparenti, ***nondiskriminatorju, oġġettiv u rilevanti*** għall-kategorija u n-natura tas-servizzi portwarji kkonċernati.

Emenda

3. Ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu trasparenti, ***nondiskriminatorji, oġġettivi u rilevanti*** għall-kategorija u n-natura tas-servizzi portwarji kkonċernati u ***ma għandhomx ikunu utilizzati biex jiġu introdotti b'mod impliċitu ostakli għas-suq.***

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) operazzjonijiet portwarji konformi mar-rekwiżiti ta' sikurezza u sigurtà u ambjentalment u soċjalment sostenibbli.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) id-disponibbiltà tas-servizz bla interruzzjoni binhar, billejl, tul il-ġimgħa u s-sena;

(a) id-disponibbiltà ***u l-kwalità*** tas-servizz bla interruzzjoni binhar, billejl, tul il-ġimgħa u s-sena;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) is-sikurezza, is-sigurtà jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjonijiet portwarji.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9.

Emenda

6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. ***Azzjonijiet kollettivi ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu tfixkil tas-servizzi portwarji.*** Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9.

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa ***l-applikazzjoni tar-regoli*** soċjali u tax-xogħol ***tal-Istati*** Membri.

Emenda

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa ***r-regoli*** soċjali u tax-xogħol ***applikabbli fl-Istati*** Membri.

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mingħajr ***ħsara għal-liġi*** nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn ***imsieħba soċjali, il-korpi*** tal-ġestjoni tal-port ***jistgħu jitolbu*** sabiex il-fornitur tas-

Emenda

2. Mingħajr ***preġudizzju għad-dritt*** nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn ***sħab soċjali, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-korpi*** tal-ġestjoni

servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.

tal-port sabiex **jitolbu, jekk possibbli**, lill-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-korpi tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw **ma' ċerti standards** soċjali **fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti**, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u **jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet** kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jittqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.

Emenda

3. Meta l-korpi tal-ġestjoni tal-port jesiġu li l-fornituri **kollha involuti fl-għoti** tas-servizzi portwarji jikkonformaw **mal-istandards** soċjali **kollha fis-seħħ**, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u **jindikaw l-istatus tad-drittijiet** kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jittqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal imprints stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi **tal-portijiet**, l-operaturi ta' bastimenti li jżommu fil-wiċċ, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport

Emenda

1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal imprints stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi **portwarji**, l-operaturi ta' bastimenti li jżommu fil-wiċċ, sidien ta' merkanzija, **rappreżentati tal-**

bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej:

forza tax-xogħol, operaturi tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej:

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-konformità mal-istandards soċjali fis-seħħ.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-applikazzjoni tajba tar-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza u, fejn xieraq, miżuri possibbli li jtejbu dawn l-istandards.

PROCĊEDURA

Titolu	Aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet	
Referenzi	COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.6.2013	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 10.6.2013	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Philippe De Backer 12.6.2013	
Eżami fil-kumitat	14.11.2013	17.12.2013
Data tal-adozzjoni	17.12.2013	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25	–: 14
	0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Heinz K. Becker, Jean-Luc Bennahmias, Phil Bennion, Pervenche Berès, Milan Cabrnoch, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Minodora Cliveti, Andrea Cozzolino, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Marian Harkin, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Ádám Kósa, Jean Lambert, Verónica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Csaba Óry, Siiri Oviir, Konstantinos Poupakis, Elisabeth Schroedter, Traian Ungureanu, Inês Cristina Zuber	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Claudette Abela Baldacchino, Jürgen Creutzmann, Philippe De Backer, Edite Estrela, Richard Howitt, Martin Kastler, Anthea McIntyre, Evelyn Regner, Csaba Sógor, Tatjana Ždanoka	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vojtěch Mynář	